MARSASKALA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
## SENA TA' ĦIDMA
## 1 ta' Jannar 2011 - 31 ta' Diċembru 2011

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma li għamel il-Kunsill Lokali matul il-perjodu li jibda 1 ta' Jannar 2011 sal– 31 ta` Diċembru 2011.

Il-Kunsill kif kien kompost kif ukoll ir-responsabilitajiet tas-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kienu kif jidher hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja: | Finanzi, Infrastruttura, Proġetti Kapitali, Ordni Pubblika, Self Employed, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet u Soċjetajiet Lokali, Attivitajiet Soċjali u Affarijiet Rurali. |
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud: | Saħħa, Anzjani, Persuni bi bżonnijiet speċjali u ħarsien tal-annimali. |
| Il-Kunsillier Carmen Fearne: | Familja, Edukazzjoni u Kultura |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar : | Ambjent, Ġonna Pubbliċi u *Playing fields.* |
| Il-Kunsillier George Farrugia : | Relazzjonijiet Pubbliċi, Rivista(*News letter*) u Turiżmu. |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri : | Żagħżagħ, Sports u Faċilitajiet Sportivi. |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri: | Enerġija, Wirt Storiku u Faċilitajiet Sanitarji. |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt: | Marittimu u Ġemellaġġi. |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett : | Indafa Pubblika, Trasport Pubbliku u IT *website updating.* |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena ir-rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' 12–il xahar, mill-ewwel tas-sena sa l-aħħar tas-sena li tkun għaddiet.

Dawn l-aħħar 12-il xhur tas-sena 2011 kienu bla dubju bla waqfien li matulhom il-Kunsill iltaqa` tlettax (13)-il darba sabiex jiddiskuti tlettax(13)-il aġendi.

Nhar it-18 ta' Marzu 2011 saret l-aħħar "Laqgħa Pubblika" li matulha nqara r-rapport amministrattiv għax-xhur Jannar – Diċembru 2010 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għall-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| *Isem* | *Nru ta' Laqgħat* | *Preżenti* | *Assenti* | *Skużati* | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku is-Sur Mario Calleja | 13 | 13 | / | / | 13/13 |
| Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud | 13 | 12 | / | 1 | 12/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 13 | 12 | / | 1 | 12/13 |
| Il-Kunsilliera is-Sinjura Carmen Fearne | 13 | 11 | / | 2 | 11/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar | 13 | 12 | / | 1 | 12/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia | 13 | 12 | / | 1 | 12/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri | 13 | 11 | / | 3 | 11/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt | 13 | 10 | / | 3 | 10/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett | 13 | 9 | / | 4 | 9/13 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati sittin (60) mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul din is-sena l-Kunsill kellu allokazzjoni finanzjarja ta` €676,106 u dan mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 mill-Gvern Ċentrali.

## Responsabbilta` tas-Sindku

Għall darb` oħra u skond kif titlob il-liġi tal-Kunsill Lokali, qed nerġgħu niltaqgħu hekk magħkom għal din il-laqgħa pubblika biex b`hekk il-pubbliku jkun jaf eżatt il-Kunsill responsabbli mill-komunita` tiegħu, x`wettaq is-sena li għaddiet.

B`wiċċi minn quddiem ngħid li jiena bħala Sindku kuntent u sodisfatt ħafna bi sħabi l-Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv, l-iskrivani tiegħu kif ukoll il-ħaddiema tal- IPSL (*Industrial Projects Services Ltd*) li żgur li mingħajr ix-xogħol impekkabbli tagħhom żgur li jiena ma` bqajtx għaddej b`dan ir-ritmu ta` suċċess fil-lokal tagħna. Nassigurakom li l-amministrattiv u l-elettorat għandu sens ta` tmexxija serja u bil-għaqal iżda jekk ma jkollokx ko-operazzjoni minn dawk ta` madwarek teħel. Fit-tmexxija tiegħi kemm ilni nokkupa din-kariga, dejjem qist li għandna nkunu qrib il-poplu kollu u mhux dak magħżul. Dejjem għamilna minn kollox biex kemm jista` jkun inkunu ta` servizz għall-kullħadd. Dejjem tajna prijorita` lil dawk l-aktar fil-bżonn.

Issa ser nibda biex bħall m` għamlu sħabi nispjega ftit ix-xogħol imwettaq min-naħa tiegħi tul is-sena li għaddiet. Kif jaf kullħadd jiena noffri ħafna ħin fil-lokal u nista` ngħid li jiena kont dejjem hemm biex inkun ta` servizz.

Il-lokal tagħna jmissu l-elezzjoni tiegħu fir-`*round*` li jmiss u b`hekk issa il-popolin skalin ikun jista` jmur u jgħaddi l-ġudizzju tiegħu 'l dawk preferuti u li meta ħabtu l-bieb dejjem fetħulhom.

Minn qalbi nirringrazzja 'l dawk kollha li servew fl-aħħar leġislatura u li forsi issa għal xi raġuni jew oħra għażlu li joqgħodu għall-kwiet. Ma niddejjaqx insemmi s-Sinjura Carmen Fearne li bla dubju kienet lejali lejn is-Sindku, sħaba u kif ukoll l-iskalin kollha. Kellha dekasteru nteressanti u ta' responsabilita` kbira u wettqet x-xogħol tagħha eċċellenti.

Nibda biex nispjega ftit u nagħti xi rendikont dwar ir-responsabilitajiet tiegħi:

**Finanzi:**

Spjegajt iżjed il-fuq l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena li għaddiet. Nistqarr li fil-finanzi kull ma ninvolvi ruħi huwa li nindaga mas-Segretarju Eżekuttiv eżatt il-bilanċ tal-kontijiet bankarji tagħna biex b`hekk flimkien inkunu nistgħu nipproġettaw proġetti futuri. Finanzi tagħna dejjem kienu stabbli u l-flus li huma tagħkom u mhux tal-Kunsill dejjem intefqu bl-aktar mod għaqli biex b`hekk iċ-ċittadini tagħna setgħu jgħixu diċenti w aħjar.

**Infrastruttura**:

Nifhem li f`dan il-qasam sar ħafna, iżda żgur li mhux biżżejjed. Il-Kunsill kollu huwa deċiż li qabel tispiċċa din il-leġislatura f`Marzu 2013 irid ikun għamel dak kollu mwiegħed fil-manifest elettorali w iżjed. Apparti l-manutenzjoni u bankini ġodda, flimkien ma` *`U shape barriers`*, *`bollards`* u bini ta` ċnut f` wieħed u erbgħin triq madwar il-lokalita` tagħna u li għalihom il-kuntrattur tagħna tħallas is-somma ta` Ewro 52,401, il-Kunsill ħadem bi sħieħ biex jigwadanja iżjed fondi minn dak allokati lilu biex b`hekk ikun jista` jimplimenta u jlesti tlett proġetti kapitali. Dawn huma l-Bandli tant mistenni ta` Pjazza Mifsud Bonnici li fil-preżent għaddej ix-xogħol fuqu u li ser jiġi jiswa madwar Ewro 250,000, tiżbieħ madwar it-Torri San Tumas u quddiem il-villel fi Triq il-Qaliet li jiswa madwar Ewro 350,000 kif ukoll proġett ieħor li ser jitrasforma Ġnien San Tumas f`*park* għall-familji tagħna kif ukoll dawk li jiġu jżuruna. Dan ser jiswa madwar Ewro 300,000. Dawn il-kważi Miljun Ewro huma kollha fondi li iggwadanja minnhom il-Kunsill minn skemi differenti li huma UIF, ERDF u Gal Xlokk.

*Tenders* oħra apparti dawn li semmejt li ħarġu s-sena li għaddiet kienu tat-tindif tat-toroq, kiri ta` post bħala *training centre* għal-komunita`, Speċjalista għall-arja nadifa madwar il-lokalita` tagħna, restawr tan-niċċeċ, il-Perit tal-Kunsill u anke rigward il-pannelli fotovoltajiċi n-naħa taż-Żonqor. Sar ukoll xi *patching* fit-toroq fejn il-Kunsill nefaq is-somma ta` Ewro 16,000. Dan ma jinkludix dan il-*patching* li sar dan l-aħħar il-Bidni, Qaliet u n-naħa ta' Bella Vista.

**Ordni Pubblika;**

Jiena nista` ngħid li dejjem kont f`kuntatt ma` spetturi diversi minn naħa tal-Korp tal-Pulizija. Nista` ngħid li hemm ko-operazzjoni sħiħa u dejjem kienu magħna kull meta kellna bżonnhom. Fil-fatt issa wkoll ġiet Spettur ġdid għal Marsaskala biss u b`hekk wieħed ikollu servizz aħjar. Persuna aċċessibli ħafna u dejjem hemm għas-servizz. Wieħed jifhem li l-affarijiet ikunu aħjar jekk l-għassa tal-Pulizija tingħata lura bħala għassa, iżda dan ma` jistax isir sakemm insibu post adekwat għall-*Girl Guides* tagħna.

Nassigurakom li taħditiet mal-Kummissarju tal-Pulizija ma naqsux biex xi darba naslu. Hemm ukoll entitajiet oħra li qed jgħinuna f`dan ir-rigward.

**Self Employed:**

Kif dejjem spjegajt, is-*self-employed* tagħna huma pjuttost is-sidien tar-restoranti u barijiet tagħna. Jiena min-naħa tiegħi dejjem imxejt spalla ma` spalla magħhom biex minkejja li fil-preżent is-settur turistiku hawn isfel ma tantx huwa daqshekk pożittiv nippruvaw ngħinu kemm nistgħu. Dan wieħed jagħmlu billi jipprova permezz tas-Sotto Kumitat tal-Kultura jorganizza matul is-sena xi attivitajiet fejn wieħed jipprova jiġbed xi nies aktar 'l hawn isfel u ddur ftit aħjar l-ekonomija. Nifhem il-pjaga tal-Jerma iżda minkejja li tkellimna ħafna s`issa xorta waħda għad m` hemmx ebda aħbarijiet. Wieħed jistenna u naraw. Flimkien mal-Kunsill dawn is-`*self employed*` kontinwament jgħinu mal-MTA biex ukoll insolvu l-problema tal-Magħluq. Kif spjegajt kemm il-darba dan mhux responsabilita` tagħna u jekk mhux ser tqum il-Mepa kollox ser jibqa` kif inhu. Leġislatura oħra wieħed irid jitkellem iżjed bis-serjeta` u jekk il-Gvern mhux lest li jgħin fuq din ir-riserva wieħed jitlob għad-devoluzzjoni tiegħu u nippruvaw insibu triq biex fl-aħħar il-Magħluq jinbidel f`attrazzjoni turistika. Ma' l-Għaqdiet ta` Marsaskala ninsab f`kuntatt kontinwu u dejjem hemm biex inkunu ta` għajnuna.

**Attivitajiet Socjali:**

Grazzi għas-Sotto Kumitat Kulturali mmexxi mis-Sur Alfred Debono, nista` ngħid li l-attivitajiet ma jieqfux. Tispiċċa waħda u tibda l-oħra. Ħafna drabi ċertu nies ma jirrejalizzawx kemm wieħed irid ħsieb, xogħol u fuq kollox finanzi. Tajjeb nieħu l-okkażżjoni biex nirringrazzja 'l dawk kollha li anke jgħinu finanzjarjament permezz ta` donazzjonijiet diversi. Sena mimlija tista` tgħid b`attivitajiet differenti. Is-sena l-għaddiet kellna anke diversi b`kawża ġusta fejn anke inġabbru xi fondi għall-*Puttinu Cares* u *Community Chest funds*. Grazzi għall-familja Clews speċjalment Alan Clews li dejjem kien warajna b`materjal tal-mibki missieru Charles li stajna anke ntellgħu `*play*` tat- Tieġ ta` Carmen Abdilla. Kellna Jum Marsaskala li ġie ċċelebrat b`differenza peress li anke nawgurajna il-Monument tad-Douzelage fuq il-*bridge* faċċata tar-restorant ta` Grabiel. Semmejt proġett kapitali tal-ERDF iżjed il-fuq. Dan huwa proġett amalgamat mat-Turiżmu allura meta aħna erbaħna dan il-proġett kellna bil-fors nintrabtu li nagħmlu attivita` kull xahar amalgamata mat-turiżmu.

**Vici Presidenza Douzelage**

Sempliċiment żewġ kelmiet fuq id-`*Douzelage Town Twinning*`. Is-sena l-oħra kien hemm diversi proġetti fejn kienu involuti żgħażagħ skalin. Żgħażagħ marru l-Ungerija, l-Ingilterra, Franza, Rumanija kif ukoll kokijiet minn Polonja ġew hawn għall-xahar sħieħ jaħdmu fir-restoranti tagħna. Din is-sena 2012 ser ikollna diversi proġetti oħra simili fejn żgħażagħ Maltin ser igawdu minnhom, dawk fis-Slovakja, Sherbourne UK, kif ukoll Estonja.

## Responsabilita` tal-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud

Matul din is-sena li għaddiet il-ħidma tal-Kunsill f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-persuni anzjani u dawk li jbgħatu minn xi nkapaċita` ma baqax lura. Jiena li kont responsabbli minn dan is-settur rajt li nagħmel dak kollu li nista`. Rajt li lill-anzjani tagħna, li wara kollox jien wieħed minnhom ukoll, jibqgħu kemm jista` jkun attivi u li jħossuhom li huma ndipendenti u kapaċi jagħmlu dak kollu possibli mingħajr ma jkunu ta' piż fuq ħadd.

Matul din is-sena saru ħarġiet f'postijiet differenti. Dawn il-ħarġiet kienu kemm attivitajiet soċjali kif ukoll kulturali. Żorna postijiet ta' nteress u li filwaqt li ħadna gost bil-ħarġa, fl-istess ħin tgħallima u stajna aktar napprezzaw is-sbuħija ta' artna, kemm storikament u kif ukoll ambjentalment. Saru is-soliti ħarġiet għall-Għawdex. Dawn il-ħarġiet ikunu tassew mistennija mill-anzjani tagħna. F'dawn l-okkażjonijiet ukoll naraw li nżuru postijiet interessanti, bħal meta żorna l-fabbrika ta' l-ipproċessar tat-tadam ta' Magro Brothers. F'din iż-żjara barra li rajna dak kollu li l-fabbrika tipproċessa stajna wkoll nixtru direttament minn dan il-prodotti. Wara li ġie spjegat lilna l-proċess, kulħadd irċieva rigal żgħir. Naturalment ikla tajba, dawra ma' Għawdex u mportanti il-logħob tat-tombla ma naqsux. F'kelma waħda kulħadd ikun kuntent u huwa għalhekk li minn ħarġa għall-oħra n-numru dejjem jiżdied. Jiena ma niddejjaqx, għalkemm ikun ifisser aktar xogħol biex tikkuntenta lil kulħadd, biss meta nara l-pjaċir li jkunu qegħdin nieħdu għalija jkun ta' sodisfazzjon. Jien ċert li kieku ma joħorġux ħarġiet bħal dawn flimkien magħna l-anzjani jsibuha bi kbira biex imorru f'ċertu postijiet. Din is-sena l-Kunsill ħa nizjattiva biex għal-aħħar tas-sena ttellgħa *party* għall-anzjani tal-lokal tagħna. Naturalment minħabba l-fondi ma stajniex nistiednu lill kull anzjan li xtaqna, biss għedna lill dawk li veru għandhom bżonn kif ukoll dawk il-persuni b'diżabilita`. Waqt din l-okkażjoni l-anzjani tassew apprezzaw id-daqq u l-kant li tawna l-grupp tuneżini u li tassew allegraw lil kulħadd. Naturalment kulħadd ħa pjaċir bl-ikel li ġie provdut tassew tajjeb mill-grupp tal-Parroċċa, kif ukoll bir-rigali li ngħataw. Insomma kient attivita` li rnexxiet u għandna naraw biex forsi sena oħra din l-attivita` tkun tista` tikber biex tolqot aktar nies.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet ta' kultura u tagħlim, ma ninsewx li jkollna kemm ikollna eta` dejjem jibqa` x'nitgħallmu, din is-sena ma kinietx nieqsa. L-anzjani tagħna kellhom tagħrif siewi min nies esperti fil-qasam tagħhom fuq ħafna affarijiet ta' nteress, kif ukoll b'mod speċjali fuq affarijiet l-aktar li jolqot lill-anzjani, kemm fuq saħħa u kif għandhom iġibu ruħhom f'xi okkażjonijiet partikolari. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax personalment lis-Sinjura Carmen Debono li bħala membru tas-sotto kumitat ta' l-anzjani flimkien mal-Caritas torganizza dawn il-laqgħat.

Ħaġa li rrid insemmi ukoll hija li kull meta jkollna seminars u laqgħat kemm f'Malta kif ukoll barra dejjem nara u nitgħallem aktar f'dak kollu li jkollu x'jaqsam ma l-anzjani ħalli mbagħad nara kif nista` naddatta dak li nkun tgħallimt, għall-anzjani tagħna. Wara kollox anke l-barranin jitgħallmu minnha wkoll.

Ħaġa li issa ndrat sewwa kull sena, kull meta tkun ser tersaq ix-xitwa hija t-tilqima ta kontra l-influwenza. Ta' kull sena n-numru ta' anzjani li jibbenefikaw minn dan is-servizz li joffri l-Kunsill tagħna dejjem jikber u hawn ukoll ma nistax ma nirringrazzjax lill-istaff klerikali tagħna talli jagħmlu x-xogħol kollu neċessarju biex jirreġistraw u xogħol ieħor li għandu x'jaqsam ma dan is-servizz. Żgur ma tistax tinsa u tirringrazzja mill-qalb lil dawk in-*nurses* li volontarjament joffru s-servizz tagħhom biex jagħtu t-tilqima lill-anzjani tagħna.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-infrastruttura ħadna ħsieb li naraw li kemm jista` jkun kullimkien ikun aċċessibli għall-anzjani. Saru rampi għall-*wheelchairs*, bankini baxxi, *railings* kull fejn hemm bżonn u ħafna affarijiet oħra. L-istess mhux l-ewwel darba li jkolli mmur biex ngħin lil xi anzjani fil-mili ta' formoli jew applikazzjonijiet f'ċerti dipartimenti. Insomma f'dak kollu li jkun hemm bżonn, tafu li żgur lili ssibuni ħalli nagħmel dak kollu li nista`.

Qasam ieħor li jien responsabbli tiegħu huwa dak tal-ħarsien ta' l-annimali. F'dan il-qasam ukoll sar progress. Twaħħlu għad ġmielu ta' *doggy bins*, biex kemm jista` jkun dejjem nżommu l-lokal dejjem aktar nadif. Bqajna kif konna li noffru s-servizz ta' *neutering* tal-qtates mingħajr ħlas ħalli dejjem nikkontrollaw in-numru ta' qtates fil-lokal. Din is-sena ukoll irnexxilna nġibu veterinarji apposta ħalli jagħmlu *micro chipping* lill-klieb fil-lokal stess u dan kien tassew apprezzat. Biex nqajjmu anke nteress fit-tfal ukoll saru attivitajiet fejn it-tfal kellhom iġibu l-*pets* tagħhom ukoll. Insomma komplejna tgħallimna li l-annimali wkoll għandhom id-dritt li jkunu stmati tajjeb ukoll. Għandna nitgħallmu fuqhom u kif nieħdu ħsiebhom sewwa wara kollox kultant l-annimali aktar japprezaw dak li nagħmlu magħhom milli jagħmlu ċertu bnedmin.

Fil-qosor rajna x'għamilna flimkien matul din is-sena. Nispera li stajt niswa xi ftit ta' ġid għall-ħaddieħor u nerġa nistiedinkom biex kull fejn nista` niswa ta' ġid tfittxuni u niżgurakom li nagħmel dak kollu li nista` biex naqdikom.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne

Konna viċin ħafna ta' l-Iskola Primarja ta' Marsaskala. Attendejna laqgħat u attivitajiet imtella` mill-iskola. Attendejna diversi *Prize Days* ta' skejjel li fihom jattendu studenti minn Marsaskala. F'Mejju tellajna attivita` għall-studenti ta' l-arti mill-iskejjel tal-kulleġġ St. Thomas More, fejn dawn, ġew ipinġu fuq il-*promenade*. Għal din l-attivita` kien hemm ukoll artisti stabbiliti minn Malta kollha. F'Mejju ħadna sehem fl-Arti fil-Beraħ. F' Ġunju infetħet uffiċjalment il-librerija wara li sar ħafna xogħol. Inxtraw kotba ġodda u f' Lulju bdejna l-*istory telling* għat-tfal iż-żgħar. Għall-ewwel darba, fis-Sajf bdejna krafts għat-tfal. Bħas-snin ta' qabel erġajna għamilna korsijiet tal-kompjuter għat-tfal, adulti u anzjani. Għat-tieni sena kellna l-kors ta' edukazzjoni għall-adulti, Malti għall-barranin. F'Diċembru għal żmien il-Milied kellna l-attivita` ta' bdil ta' dekorazzjoni tas-siġra tal-Milied, ma' ħafna pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Is-Sotto Kumitat tal-familja matul is-sena ħadem biex isaħħaħ dak li beda s-sena ta' qabel u beda servizzi oħrajn. Reġa ħarġu erbgħa *issues* tal-gazzetta 'Il-Familja' li prinċipalment jintbagħtu lill-familji foqra ta' Marsaskala. Bdejn kuntatt ma *training psychologist* li tmexxi is-servizz ta' matul il-jum għal persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali fiż-Żejtun. Dan is-servizz użajnih kemm biex marru xi nies jgħaddu ġranet hemm u anke f'każ ta' suwiċidju. Kull nhar ta' Erbgħa, kompla jsir *short term counselling* lill-persuni vulnerabbli, min membru ta' dan is-Sotto Kumitat. Membru minn dan is-Sotto Kumitat, flimkien ma' żewġ membri oħra mill-Kunsill Lokali għamlu żjara fl-Ingilterra biex jattendu seminar dwar il-volontarjat.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Egħluq sena oħra ta' ħidma fil-Kunsill fir-responsabilita` tal-Ġonna Pubbliċi, *Playing Fields* u Ambjent. Se naraw fil-qosor x'sar matul dan iż-żmien.

### Ġonna Pubbliċi

Fejn jidħol xogħol tal-ġonna bqajna għaddejin bħas sena l-oħra, billi bqajna għaddejin bil-manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi bil-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill biex iżomm l-indafa u jieħu ħsieb is-siġar u l-affarijiet li jkun hemm bżonn isir. Matul is-sena fil-Ġonna inżergħu fjuri fix xhur tar-rebbiegħa biex isebbħu lil tal-madwar.

Fejn jidħlu is-*centre strips* inżergħu fjuri biex insebħu l-ambjent tal-lokalita` tagħna. Ħaġa oħra li bdiet isir mis-sena l-oħra li matul ix-xhur tas-sajf il-ġonna bdew jiġu maħsula biex dejjem ikunu aktar nodfa.

Fejn jidħol tindif mil-ħaxix ħażin ta' toroq mhux urbani żammejna x-xogħol għaddej il-ħin kollu, mhux eżatt kif nixtieq jien, għax malli tkun għadek kemm naddaft terġa' tara ħafna ħaxix ħażin tiela' mill-ewwel. Tul is-sena dan ix-xogħol jibqa` għaddej il-ħin kollu biex dejjem inżommu l-indafa ta' dawn it-toroq kif jixraq.

Playing Fields

Is-sena l-oħra konna tkellimna li l-Kunsill kien qed jaħseb biex jibda x-xogħol biex inbidlu l-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici li kien fis-stat ħażin ħafna. Ix-xogħol amministrattiv min-naħa tal-Kunsill tlesta billi ħarġet is-sejħa għall-offerti, li għaliha ħames kuntratturi tefgħu l-offerta tagħhom. Intgħażel wieħed mill-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti l-kumpanija J.G.C. Iżda wara kellna żewġ appelli fuq l-għażla finali, dan huwa dritt ta' kull minn jitfa` l-offerti. Minkejja li morna lura iżjed minn tlett xhur, il-Kunsill rebaħ iż-żewġ appelli biex b'hekk stajna nibqgħu għaddejijn bix-xogħol. Issa l-kuntratt tax-xogħol tal-bandli se jingħata lill-kumpanija J.G.C. Dan il-bandli ser ikun imqassam f'seba` żoni ta' etajiet differenti fejn ikunu jistgħu jilgħabu t-tfal. Ser ikun mammar bis-CCTV *cameras* biex innaqqsu forsi l-vandaliżmu. Dawn il-bandli ħa jkun iffinnanzjat minn-flus tal-UIF, il-Kunsill mhux se joħroġ flus allokati mill-Gvern Ċentrali. Saret applikazzjoni wkoll biex ningħataw fondi biex inbiddlu t-tagħmir tal-logħob fil-Bandli taż-Żonqor. Nittamaw l-applikazzjoni tiġi milqgħuha biex intejbu dan il-bandli għal ġid tat-tfal tal-lokal u għal dawk li jiġu jżuruna.

Nassigura li dan ix-xogħol ma kienx faċli biex wasalna fejn qegħdin. Kif ukoll sa fejn inkun nista` nibqa` nagħmel ħilti biex nagħti l-ħidma tiegħi għal ġid tal-lokalita`.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur George Farrugia

Ħa nikteb dawn il-versi biex biha nuri l-attivitajiet li jien attendejt għalihom. Kemm barra dawn ngħati l-għajununa li nista` lil kullħadd. Kważi dejjem inkun preżenti meta jinfetħu t-*tenders*. Ma mmurx għax ikolli npenji tiegħi personali. Meta ssir xi attivita` jiena l-istess nipprova nkun preżenti ħalli ngħati appoġġ lill-sħabi li jkunu ħadmu ħafna biex itellgħu dawn l-attivitajiet.

1. Attendejt kull laqgħa tal-Kunsill.
2. F'Awissu li għadda attendejt konferenza maż-żgħażagħ ġo Sherbourne l-Ingilterra.
3. Fis-26 ta' Awissu meta l-membri tad-Douzelage ġew Malta morna nilqawhom l-ajruport. L-għada ħadniehom iduru Malta.
4. Attendejt konferenza tal-MEUSAC fit-22 ta' Settembru.
5. Ħadt ħsieb żewġ persuni mill-Isvezja waqt żjara li għamlu lill Kunsill fis-27 ta' Settembru.
6. Attendejt konferenza tal-MEUSAC fid-29 ta' Settembru.
7. Attendejt mill-Attivitajiet tal-Iljieli Skalin f'Settembru.
8. Fl-14 ta' Ottubru mort nagħti l-għajnuna/sehmi mal-Kunsill meta morna Għawdex. Filgħaxija mort mas-Sindku nirrappreżenta lill-Marsaskala fil-programm Affari Tagħna.
9. Fit-22 ta' Ottubru attendejt konferenza tal-għaqdiet mhux governattivi.

10. Fit-28 ta Ottubru attendejt konferenza tal-Employee Supporting team.
11. Fid-29 ta' Ottubru attendejt konferenza Stand up.
12. Fis-16 ta' Diċembru ippartecipajt f'Marsaskala Events.
13. Fl-20 ta' Diċembru mort Radio Talk fuq Radio Hompesh.
14. Fit-22 ta' Diċembru attendejt għal-kunċert fil-Knisja tagħna 1900HRS.

Għalkemm is-sena għada tibda diġa bdejt bl-attivitajiet.

1. Fit-12 ta' Jannar kellna laqgħa mal-Ambaxxatriċi ta' Tunes biex nippromwovu t-turisti Tunesin lejn Marsaskala.
2. Fl-14 ta' Jannar ħadt parti f'lunch for Senior Citizens.
3. Fis-16 ta' Jannar attendejt għal-stand up conference f'San Anton Hotel. L-ewwel ġurnata.
4. Fis-17 ta' Jannar attendejt it-tieni ġurnata tas-stand up conference.

**<u>Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri</u>**

- Saru lezzjonijiet tal-Judo f'l-iskola tar-Russi li baqgħu għaddejjin sa Mejju 2011. F'Ġunju kellhom jieqfu għax kienet sħana wisq. Dawn il-lezzjonijiet reġgħu bdew isiru f'Settembru ta' wara pero` f'post il-Bella Vista illi huwa iktar mgħammar għall-arti Marzjali. It-tfal li pparteċipaw ħadu sehem fil-ftuħ tal-*European Judo Championships* illi ġew trasmessi.
- Tnieda klabb tat-Thai Quando fir-Razzett tal-Ħbiberija bl-għajnuna tal-Kunsill. Dan il-klabb huwa affiljat mal-kumitat olimpiku, kif ukoll mal-federazzjoni tat-Thai Quando Maltija.
- Għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill tagħna ġie ppremjat fit-tielet post fil-*Malta Olympic Committee Awards* għall-ħidma tiegħu b'risq il-promozzjoni tal-isport fil-komunita` tagħna.
- Saru tlett korsijiet tal-First Aid, wieħed għand il-Girl Guides, ieħor fis-sala Sant' Anna u tal-aħħar taħt it-tinda ta' Grabiel. Dan tal-aħħar kien imħallas kompletament mill-ETC u barra minn hekk Grabiel ġentilment offra l-ikla ta' nofs inhar b'xejn lill-parteċipanti.
- Saru Lezzjonijiet taz-Zumba© bejn Jannar u Mejju, u reġgħu tkomplew minn Novembru sa Diċembru. Dawn ukoll saru taħt it-tinda ta' Grabiel, illi għal darb'oħra reġa offra l-użu tat-tinda tiegħu b'xejn.
- Tlesta x-xogħol fil-grawnd tal-iskola, fejn wara li l-kuntrattur tal-MFA ħalla xi xogħol mhux lest, il-Kunsill kien ta' għajnuna kbira biex il-klabb tal-futbol, Marsaskala FC seta kompla x-xogħol li kien jonqsu jsir.
- Il-Kunsill, b'sens ta' kollaborazzjoni kbir offra ħafna għajnuna lill-Marsaskala FC sabiex tkun tista` tinfetaħ skola tal-futbol matul Ġunju u Lulju, u biex tnediet il-*football nursery*.
- Saret laqgħa bil-kollaborazzjoni tal-klabb tal-futbol mal-Podjatrista fis-sala Sant'Anna għall-ġenituri fejn din spjegat xi problemi illi jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal waqt l-iżvilupp tagħhom, u kif jistgħu jgħinu lill-uliedhom billi jagħżlu żraben addattati għalihom.
- Il-lokalita` tagħna kienet waħda mill-ftit illi pparteċipat fl-inizjattiva Ġurnata Għall-iSport, fejn bil-ko-ordinazzjoni tal-Kunsill, Marsaskala FC u Blue Angler Club għamlu attivitajiet biex inġabret somma ta' flus sostanzjali b'risq il-*Community Chest Fund*.

- Saru laqgħat mas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli sabiex
  - tingħata art biex il-lokalita` tagħna jkolla ground *full size* bħal bosta lokalitajiet oħra madwar Malta u Għawdex u
  - issir *rubberised jogging track* fuq il-bankina mill-eks Jerma Palace Hotel sa Pjazza Dun Tarċis Aġius sabiex id-dilettanti tal-mixi u *jogging* ma jbatux waqt li jipprattikaw dan l-isport tagħhom.

Kif wieħed jista` jara sar ħafna xogħol b'risq l-isport fil-lokalita` tagħna. Dan ix-xogħol kollu ma setax isir mingħajr il-kollaborazzjoni tas-Sindku, sħabi l-kunsillieri u speċjalment tal-impjegati kollha tal-Kunsill. Minn qalbi nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn dawn in-nies kollha.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri

### Dawl:

Din is-sena iffirmajna l-kuntratt sabiex id-dawl ornamentali kollhu ġdid li kien ġie installat fi Triq is-Salini mill-Ministeru tal-Infrastruttura jaqa` taħt ir-responsabilita` tagħna wkoll, biex b'hekk ikkonkludejna dan il-proġett. Saru ħafna talbiet għal dawl ġdid fejn hemm toroq ġodda jew qatt ma kien hemm dawl. Wara li ġew approvati stajna nagħmlu l-installazjoni meħtieġa, fosthom fi Triq il-Menħir, Triq Lorry Sant, Triq il-Qrempuċ, Triq San Nikola, triq li tagħti għaż-Żejtun, Triq l-Ikħal, Triq tal-Ħamrija, Triq il-Baħħara, Bajja San Tumas u Triq il-Bidni.

Għamilna wkoll dawl ġdid fil-grawnd tal-iskola fejn qiegħed jintuża minn ħafna żgħażagħ, kif ukoll dawl ġdid fi Ġnien Charles Clews. Għamilna wkoll dawl għal fuq il-Monument tad-Douzelage. Il-manutenzjoni baqgħet għaddejja s-sena kollha u ta' kuljum nirrapurtaw ħsarat kull fejn ikun hemm bżonn. Hawnhek irrid nirringrazzja lil kull min iċempel lili jew il-Kunsill biex jirraporta xi ħsara għax b'hekk tissewwa aktar malajr.

Wara li konna tlabna għal fondi speċjali għat-twaħħil ta' pannelli fotovoltajiċi aċċetaw it-talba tagħna u ingħatajna s-somma ta' 3100 euro. Huwa ippjanat li ninstallaw dawn il-pannelli fuq is-saqaf tal-latrini ta' Żonqor. Bħalissa qegħdin nagħmlu stħarriġ għal dawl ġdid li jaħdem bil-lampi LED minflokk dak konvenzjonali. Dan sabiex inkunu nistgħu ninstallaw dan it-tip ta' dawl ġdid. L-Enemalta għamlet seminar sabiex il-Kunsilliera rispettivi jkunu imħarġa kif jistgħu jedukaw lin-nies biex inaqqsu l-konsum tad-dawl għal użu domestiku. Wara li attendejt dan is-seminar għamilna xi sessjonijiet u kien hemm rispons tajjeb ħafna mir-residenti. Għaddejt ukoll xi tagħrif li qed jiġi ippublikat fil-ħarġiet tal-magazine tal-Kunsill. Dan sabiex inħeġġu lill-familji jagħmlu użu tajjeb u jnaqqsu l-konsum fid-djar tagħhom.

Bħal kull sena ikkordinajt sabiex isir id-dawl għall-attivitajiet kulturali ta' matul is-sena kif ukoll għal-Milied u il-Paegent tal-Għid.

Ipprovdejna dak kollu possibli sabiex *Malta Recorces Authority* tinstalla sistema tal WIFI fi Ġnien Mifsud Bonnici. Din ġiet installata u qiegħda tagħti servizz rispettivament.

### Wirt Storiku:

Is-Sotto Kumitat tal-Wirt Storiku baqa` jiltaqa` u ngabar ħafna dettal tal-Wirt Storiku tagħna bil-għan li nkunu nistgħu nagħmlu inventarju tal-Wirt Storiku li jeżisti ġo Marsaskala.

Qiegħed jiġi ippreparat ktejjeb żgħir ta' tagħrif għat-turisti u għal nies li jinteresshom il-Wirt Storiku. Daħħalna wkoll paġna ta' tagħrif fuq siti storiċi fil-ħarġiet tal-magazine. Għamilna ħafna progress fid-devoluzzjoni tar-Ridott li hemm fil-Munxar. Hawnhekk il-Kunsill qiegħed jieħu dan il-lok fejn ħa jkun qiegħed jitmexxa minn grupp ta' volontiera tal-Għaqda Bajja San Tumas, bil-għan li jinfetaħ għall-pubbliku wara li jiġi restawrat. Tlesta r-restawr tan-Niċċa ta' San Spiridjun u mistenni jinbeda x-xogħol ukoll fuq ta' Sant'Anna u ta' San Tumas. Hawn il-Kunsill kellu jerġa joħroġ it-tieni sejħa.

**Latrini Pubbliċi.**

Qegħdin isiru tiswijiet estensivi u nżebgħat minn barra u minn ġewwa dawk f'tal-ponta ta' Żonqor peress li kien meħtieg. Għamilna ukoll *roof membraine* ġdid ħabba li s-saqaf kien iżżom u jagħmel ħafna ilma. Dan kellu jsir ukoll sabiex nevitaw ħafna xogħol fuq il-bejt wara li jkunu nstallati il-panneli voltajiċi kif diga semmejna.

Saret u għad qiegħed issir ukoll manutenzjoni fuq it-tlieta l-oħra. Għad fadal ħafna xi jsir peress li dawn jintużaw ħafna u ta' spiss jinqalgħu ħsarat, speċjalment fix-xhur tas sajf.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt

Matul ix-xahar ta Mejju, delegazzjoni mill-Kunsilliera ser tattendi għall-laqgħat u diskussjonijiet li ser isiru ġewwa Sherbourne l-Ingilterra fejn forsi l-oħrajn ser ikunu qiegħdin jipparteċipaw flimkien ma' delegazzjonijiet oħra tal-lokalitajiet membri fid-Douzelage.

Matul is-sena l-oħra f'Novembru, NGO's kienu preżenti wkoll għall-istess proġett peress li kien maqsum fuq tlett partijiet.

Il-Kunsill żamm ruħu aġġornat u anke ħadem biex ikun parteċipi fil-programmi kollha li jiġu mtella' mill-membri u anke prepara għal AGM li ser issir fi Zvolen bejn is-17 u l-20 ta Mejju li ġej, fejn fost il- ħidmiet li jkollna jkunu r-rendikont tax-xogħolijiet li jkunu saru fil-perijodu ta' l- aħħar AGM li saret is-sena l-oħra fi Granville Franza sa AGM li jmiss.

Ħidmiet oħra li jsir huwa li d-delegazzjonijiet jissotomettu l-programmi kollha li jkunu ser iwettqu matul din is-sena u l-bidu tas-sena id-dieħla. Żewġ studenti skalin qed ikunu qiegħdin jipparteċipaw fi Zvolen f' *workshops* tal- *youths* u edukazzjoni u fl-aħħar ikollhom l-inkarigu li jagħmlu rapport flimkien sabiex ikun attwat u preżentat fl-gheluq tal-AGM. Permezz ta' hekk l-istudenti tagħna jkunu qegħdin jiksbu esperjenzi ġodda ma' studenti barranin. Fil-fatt attendew Granville, Sherbourne, Grecja, Estonja u Slovakkja.

Il-Viċi President tad-Douzelage, is-Sindku tagħna Mario Calleja kien strumentali ħafna fejn jidħol ħidmiet mal- President attwali sabiex il-ħidmiet ikunu ta' suċċess kemm għalina kif ukoll għal membri kollha tad-Douzelage.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett

**Indafa Pubblika**

F'Marzu tal-2011 għall-Kunsill ta' Marsaskala kien wieħed pożittiv ħafna f'dawk li huma premjijiet, għax fil-fatt ġejna t-tieni post fl-iskema Inizjattiva Premju

Lokalitajiet Indaf u l-Kunsill ingħata premju ta' €15,000 mill-Gvern Ċentrali. Din l-iskema kienet miftuħa għall-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi kollha u b'kollox ħadu sehem 53 parteċipant; b' 47 ikunu Kunsilli Lokali u 6 Kumitati Amministrattivi. L-iskema kienet tippremja lil dawk il-lokalitajiet li matul is-sena preċedenti ħadu inizjattivi varji biex ikollhom lokalita` aktar nadifa u jippromwovu aktar is-separazzjoni tal-iskart. Fl-istess xahar imbagħad il-Kunsill ingħata premju ieħor għall-ħidma tiegħu favur lokalita` aktar nadifa, fejn ingħatajna premju ieħor ta' €5,000 mill-Gvern Ċentrali fil-*Green Challenge Awards*. Għalhekk id-diversi inizjattivi li ħadna u l-ħidma li għamilna favur aktar indafa u aktar kuxjenza fir-residenti ġew rikonoxxuti u premjati permezz ta' dawn il-premjijiet, biex komplew ħeġġuna nkomplu naħdmu f'dan is-settur li jirrikjedi attenzjoni u xogħol kontinwu.

Matul is-sena li għaddiet ġew aġġudikati żewġ *tenders* importanti ħafna li huma relatati mal-indafa. Dawn huma dak tal-ġbir ta' skart organiku bieb bieb u dak tal-Knies. Fost l-affarijiet ġodda l-aktar sinnifikanti li nkludejna f'dawn iż-żewġ servizzi nsibu fost l-oħrajn li l-ġbir ta'skart bieb bies issa qiegħed isir kuljum inkluż fil-Ħdud u festi pubbliċi tul is-sena kollha. Filwaqt li f'dak li huwa servizz ta' knies insibu f'ċertu żoni u toroq qed isir knies fihom aktar regolari, fejn tfasslet *schedule* ta' knies skond il-ħtiġijiet tal-lokalita`, fejn bażikament il-maġġoranza tat-toroq qed jinkinsu aktar minn darba fil-ġimgħa u ċertu żoni saħansitra kuljum. Affarijiet oħra ġodda huma li bejn l-ewwel ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru ta' kull sena ż-żoni l-aktar ċentrali tal-lokalita` u għalhekk l-aktar frekwentati f'dawn iż-żminijiet tas-sena, isir knies fihom matul il-lejl fl-iljieli ta' bejn il-Ħamis u t-Tnejn ta' kull ġimgħa, biex b'hekk dawn iż-żoni hekk frekwentati jinżammu fl-aħjar stat ta' ndafa possibli.

Matul is-sena li għaddiet komplejna nagħtu l-għodda lir-residenti biex jipparteċipaw aktar fis-separazzjoni tal-iskart billi provdejna aktar *bring-in-sites*, inkluż *stainless steel bins* tul il-Promenade, biex nagħmluwha aktar faċli għar-residenti li jisseparaw l-iskart tagħhom. Ħadna ħsieb ukoll li jsir tindif regolari f'ċerti żoni li jirrikjedu aktar attenzjoni minn postijiet oħra minħabba n-natura tagħhom, fosthom xogħlijiet ta' tindif ta' siti, qtugħ ta' ħaxix, knies taħt u madwar *bring-in-sites* u ħasil ta' bins, skips u toroq.

Saret ukoll talba mad-Dipartiment tal-Cleansing biex fejn il-*bus shelters* u *bus stops* fil-Bypass ta' Marsaskala jsiru bins apposta minn naħa tad-Dipartiment, liema talba ġiet aċċettata.

Filwaqt li sar ħafna xogħol fl-indafa wieħed jifhem li dan is-settur jirrikjedi dejjem moniteraġġ kontinwu u xogħol ta' kuljum.

**Transport Pubbliku**

F'dak li huwa Transport Pubbliku kif kulħadd jaf bir-rottot il-ġodda li l-Arriva bdiet topera fil-lokalita` tagħna dawn ħallew impatt negattiv għax ma kienux qed jaqdu l-ħtiġijiet li għandhom bżonn ir-residenti. Kemm jien u kemm is-Sindku ħdimna qatigħ biex dawn jiġu rranġati b'tali mod li verament jaqdu l-ħtiġijiet tar-residenti tagħna kif jixraq. Kellna aktar minn *meeting* wieħed ma' Transport Malta u Arriva fejn spjegajnilhom fid-dettal it-tibdil li għandu jsir fir-rottot.

Minkejja li sar xi tibdil u llum ċerti żoni huma moqdijin aħjar milli kienu moqdijin kif beda s-servizz f'Lulju, pero` żgur li m'aħniex kuntenti xejn bis-sitwazzjoni u fadal ħafna x'jiġi rranġat fir-rotot. Aħna sħaqna u ser inkomplu nisħqu dan.

Wara ser nkomplu nisħqu dan. Filfatt huwa mistenni li fis-27 ta' Mejju ser jkun hemm bidla drastika fir-rottot, minn kellu rreġistrat fil-Kunsill l-*email address* huwa diġa nfurmat bir-rottot ġodda.

Fuq nota differenti f'Settembru tajt sehmi biex bħala Marsaskala ħadna sehem f'inizjattiva bl-isem ta' *'Play Me I'm Yours'*, li saret madwar Malta, fejn diversi pjanijiet tpoġġew f'lokalitajiet differenti madwar Malta biex jintużaw minn nies b'xejn u dan bħala kampanja t'edukazzjoni biex aktar lin-nies jersqu lejn il-mużika u l-kultura. Il-pjanu li tpoġġa għal diversi ġimgħat f'Marsaskala imbagħad ingħata donazzjoni lill-iskola primarja ta' Marsaskala.

## ***Konklużjoni***

## **Viċin il-Poplu**

Kif spjegajt iżjed il-fuq, dan il-Kunsill ħadem bi sħieħ biex b`hekk wettaq tista` tgħid dak kollu li wiegħed iżjed. Kunsill magħqud u mingħajr partiġġaniżmu ta` xejn. Ma` kienx hemm mument li njorajna lil xi ħadd. Dejjem servejna bi tbissima anke l-dawk l-ftit li pruvaw jgħamlulna ħsara kif ukoll jirredikolawni b`xi ittra b`idejn moħbija. Nifmu fil-ħajja issib minn kollox. Iżda t-tajjeb hu li persentaġġ qawwi jemmnu fina u f`dak li wettaqna. Ta` kulljum ħafna jċemplu biex juru is-sodisfazzjon tagħhom ta` dak li nkunu wettaqna. ĠID KOMUNI. Dik hija s-serjita`.

## **Ġejjieni 2012/2013**

Bla dubju is-sena 2012 żgur ser tkun iċ-ċirasa fuq il-kejk fejn wieħed ser iħares fuq il-ħidma kollha li saret fil-legislaturi 2009-13. Jiena flimkien ma` dawk li ħadmu miegħi ser nerġgħu niġu b`wiċċna minn quddiem biex nitolbu l-vot tagħkom għall-leġislatura oħra. Ċerti li ser insibu l-bibien miftuħa. Iddedikajna erba` snin ta` ħidma. Għatuna lura ftit minuti fl-elezzjoni li ġejjin billi tmorru tivvutaw għall-dak il-kandidat preferut tagħkom. Nassigurakom li konna tim tajjeb u kullħadd ta' l-parti tiegħu.

Jiena ntemm dan id-diskors tiegħi billi ngħid li jiena kburi li kont immexxi dan it-tim hekk bil-għaqal u b`interess wieħed li joħloq għixien aħjar fil-lokalita` tagħna. Ma nistax ma` nirringrazzjax il-dawk kollha li kienu ta` għajnuna biex aħna stajna mmexxu.